MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 36/2003/1

**Raymond Caruana**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

1. Dana huwa appell, interpost mill-Avukat Generali, minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-8 ta’ Ottubru, 2004 li sabet li kien hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq (kif garantit kemm fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Kovenzjoni

Ewropea) tar-rikorrent Raymond Caruana quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

2. Il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma aktar unici milli rari, u dwarhom ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet. Raymond Caruana gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'diversi reati – tlettax b'kollox. B'sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Settembru, 2003 huwa instab hati ta' hafna minnhom u gie kkundannat ghall-piena ta' prigunerija sospiza ghal erba' snin u multa ta' wiehed u erbghin elf u mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm41,125.00,0).

3. Kemm hu kif ukoll l-Avukat Generali appellaw minn din is-sentenza quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Caruana, permezz tar-rikors ta' appell tieghu numru 190/2003 talab ir-riforma tas-sentenza fis-sens li din tithassar fil-parti fejn hu gie misjub hati u kkundannat ghal peina izda tigi konfermata fil-parti liberatorja taghha; min-naha tieghu l-Avukat Generali talab ukoll riforma izda fis-sens biss li, filwaqt li tikkonferma s-sentenza li kienet inghatat, maghha tizdied il-konfiska tal-vettura mertu tad-diversi imputazzjonijiet. L-appell ta' l-Avukat Generali nghata n-numru 183/2003 (li allura jindika li gie ppresentat fir-Registru qabel dak ta' Caruana).

4. Fid-data tal-ewwel smiegh taz-zewg appelli, l-appellant Caruana talab differiment peress li l-Avukat Difensur tieghu kien imsiefer minhabba ragunijiet medici. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ddifferiet iz-zewg appelli ghas-16 ta' Dicembru 2003 *"fid-9.00am [f'liema] data l-kawza tigi trattata zgur bla ma jinghata ebda differiment iehor"*. Fis-16 ta' Dicembru, 2003 l-appellant Caruana wasal fl-edifizzju tal-Qorti f'xi d-disgha neqsin kwart u sab li z-zewg appelli kienu skedati bhala n-numri 1 u 2 fuq il-lista ta' dik il-gurnata. Huwa mar jistenna l-avukat tieghu fis-sular ta' isfel, izda dan l-avukat ma tfaccax qabel id-disgha u kwart. Nel frattemp, fid-disgha ezatt issejhu z-zewg appelli. Peress li Caruana kien isfel jistenna l-avukat tieghu, hu ma semax il-kawza tissejjah u ghalhekk ma dahalx fl-awla, u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali minnufih ghaddiet biex iddikjarat, permezz ta' digriet, l-appell tieghu

bhala dezert (evidentement fit-termini tal-Artikolu 422 (1) tal-Kodici Kriminali) u fl-istess hin ghaddiet biex tippronunzja s-sentenza fuq l-appell interpost mill-Avukat Generali. F'din is-sentenza – ara kopja a fol. 14 tal-process – il-Qorti ta' l-Appell Kriminali filwaqt li espressament ikkonfermat fl-intier taghha s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Settembru, 2003 hlief ghal dik il-parti fejn dik is-sentenza ma kienitx orndat il-konfiska tal-vettura "Volvo Tractor", ziedet mal-piena erogata mill-ewwel Qorti dik tal-konfiska ta' l-imsemmija vettura. Kif appenna l-avukat ta' Caruana, ftit minuti wara, dahal fl-awla, sab li l-"kawza" kienet giet deciza bil-mod appena deskritt.

5. Caruana minnufih – dik il-gurnata stess – ipprezenta rikors guramentat fit-termini tat-tieni parti ta' l-Artikolu 422(1)[1] imsemmi li bih talab ir-riappuntament ta' l-appell tieghu. B'digriet moghti fid-19 ta' Dicembru, 2003 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, wara li osservat li l-assenza ta' l-istess Caruana meta ssejjah l-appell tieghu fis-16 ta' Dicembru, 2003 la kieent dovuta ghal mrd u lanqas ghal xi raguni ohra "indipendenti mill-volonta` tieghu" izda kienet dovuta ghall-ghazla volontarja tieghu li jmur jistenna isfel lill-avukat tieghu, ziedet tghid hekk: *"Rat ukoll li fil-fatt issa bid-decizjoni fis-sentenza tal-Appell tal-Avukat Generali fuq imsemmi tas-16 ta' Dicembru, 2003, din il-Qorti gja ddisponiet mill-kawza b'mod definittiv ghaliex, ghalkemm irriformat is-sentenza appellata, billi laqghet it-talba ghall-imposizzjoni tal-konfiska tal-vettura, IKKONFERMAT is-sentenza appellata "fl-intier taghha", u ghalhekk mhux aktar legalment u guridikament possibbli li din il-Qorti qatt tasal ghal xi konkluzjoni differenti".* Ghalhekk dik il-Qorti cahdet it-talba ghar-riappuntament ta' l-appell ta' Caruana.

---

[1] Id-disposizzjonijiet relevanti ghall-finijiet ta' dana l-appell huma s-segwenti: **422 (1)** "Jekk, f'jum tas-smigh ta' l-appell, l-appellant ma jidhirx, l-appell tieghu jinghadd dezert u s-sentenza appellata tigi ezegwtia; imma fuq rikors ta' l-appellant, ipprezentata fi zmien erbat ijiem mill-gurnata fuq imsemmija, flimkien ma' dikjarazjzoni mahlufa mill-istess appellant quddiem ir-registratur li, minhabba mard jew ghal raguni ohra indipendenti mill-volonta` tieghu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-gurnata fuq imsemmija, il-qorti taghti gurnata ohra ghas-smigh ta' l-appell, u, f'dan il-kaz, jghoddu d-disposizzjonijiet ta-ssubartikolu (1) u (2) ta' l-ahhar artikolu qabel dan. **(2)** Meta ma jidhirx l-appellat, il-qorti tisma' l-appellant, u taghti s-sentenza skond il-ligi."

6. Fir-rikors promotorju tieghu ipprezentat quddiem il-Prim Awla, Caruana bazikament issottometta li bil-mod kif ipprocediet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fir-rigward taz-zewg appelli – appelli li kienu, pero`, intimament konnessi – hu gie pprivat mid-dritt ta' smiegh xieraq. In partikolari huwa jghid hekk fir-rikors tieghu:
**"Illi, pero`, kif daltronde l-istess Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet fid-digriet taghha stess, peress illi l-Qorti kienet gja ddisponiet mill-appell tal-Avukat Generali billi laqghet l-istess, imponiet l-ordni tal-konfiska tal-vettura u kkonfermat is-sentenza appellata fl-intier taghha biex hekk l-istess sentenza ghaddiet immedjatament in gudikat, hija ma kienitx aktar legalment u guridikament gustifikata li qatt tasal ghal kwalsiasi konkluzjoni ohra differenti fuq l-istess sentenza biex hekk l-appell ta' l-esponent ma seta' qatt jigi kkunsidrat minn dik il-qorti, u kien ghalhekk bla skop li terga' tappunta l-istess appell ghas-smiegh.**

**"Illi in vista ta' dak suespost u cioe` li z-zewg appelli kienu tali illi jikkancellaw wiehed lill-iehor, kienet zbaljata l-Qorti ta' l-Appell Kriminali meta qabdet u ddecidiet dwar l-appell tal-Avukat Generali billi laqghet l-istess minghajr ma halliet imqar il-perjodu ta' erbat ijiem (li huwa l-perjodu predispost fl-Artikolu 422 tal-Kodici Kriminali sabiex jigi intavolat rikors opportun fejn jintalab illi appell illi jkun gie dikjarat dezert jerga' jigi appuntat) jghaddi biex hekk ma halliet l-esponent ebda possibilita` reali li jinghata verament id-dritt u l-opportunita` li jitratta l-appell tieghu".**

7. Bis-sentenza taghha tat-8 ta' Ottubru, 2004 il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet hekk: *"Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tiddikjara li kien hemm lezjoni tad-dritt fondamentali tar-rikorrent ghal smiegh xieraq; fic-cirkostanzi tannulla z-zewg sentenzi imsemmija (appelli 183/2003 u 190/2003) u tordna li l-atti jergghu jintbaghtu quddiem il-qorti li tat dawn is-sentenzi biex l-appelli jergghu jigi [recte: jigu] appuntati u*

*eventwalment decizi; bl-ispejjez kontra l-intimat"* u dan wara li dik il-Qorti ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Fil-kaz in ezami l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet ddikjarat l-appell tar-rikorrent dezert billi hu ma kienx deher. Fl-istess hin ittrattat u laqghet dak in nhar stess l-appell tal-Avukat Generali u ordnat il-konfiska tal-vettura . L-appell ta' l-Avukat Generali ma kienx gie differit ghas-sentenza ghal wara l-erbat ijem prevvisti mill-Art 422 imma s-sentenza nghatat dak il-hin stess cjoe fis-16 ta' Dicembru, 2003 u dina s-sentenza kienet wahda motivata (ara fol 16/17).**

**Meta l-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet l-appell tal-Avukat Generali u laqghet l-istess, hi kkonfermat is-sentenza appellata fl-intier taghha u legalment u guridikament, kif qalet l-istess Qorti, hi ma setghet qatt tasal ghal kwalsiasi konkluzzjoni ohra differenti fuq l-istess sentenza billi z-zewg appelli kienu tali li jikkancellaw wiehed lill iehor.**

**Ghalkemm, kif jirritjeni l-intimat, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali sabet fid-degriet taghha tas 19 ta' Dicembru 2000 li rikorrent ma kienx iggustifika l-assenza tieghu, imma anke kieku kien hemm raguni valida , it-talba tieghu biex jerga jigi appuntat l-Appell qatt ma setghet tigi milqugha minn dik il-Qorti, u ma kienx ikun hemm skop illi jerga' jigi appuntat.**

**Meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ddecidiet favorevolment l-Appell tal-Avukat Generali minghajr ma halliet ighaddi il-perjodu ta' erbat ijiem skond l-Artikolu 422 tal-Kodici Kriminali r-rikorrent gie minghajr ebda possibilta' reali li jinghata verament id-dritt u l-opportunita' li jitratta l-appell tieghu. Dan qalitlu l-istess Qorti ta' l-Appell meta ddegretat li ma kienx aktar legalment u guridikament possibbli li l-Qorti qatt tasal ghal xi konkluzzjoni differenti.**

**Skond il-kazistika tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, *"the notion of effectiveness requires that the alleged victim should be able to use the remedy in***

***practice rather that just in theory*” (Allenet De Ribemont u Delcourt).**

**Il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent ma kellu ebda *chance* li jinghata rimedju effettiv taht l-artikolu 422 billi l-appell tieghu kien gie irremedjabilment kompromess. Il-fatt li gie deciz li ma kien hemm ebda bazi biex tiggustifika l-assenza tar-rikorrent ghas-smigh ta’ l-Appell tieghu, tista, fic-cirkostanzi, idahhal f’mohh ir-rikorrent li setgha kien hemm *bias* kontra tieghu, ghalkemm ma gie allegat xejn f’dan is-sens. Izda jibqa’ l-fatt li f’kazijiet bhal dawn “*even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire, and above all in the parties to the proceedings*”. (Dakatras).**

8. Minn din is-sentenza appella l-Avukat Generali. Huwa jikkontendi, bazikament, li galadarba kien hemm zewg appelli – wiehed kolpit bis-subartikolu (1) tal-Artikolu 422 tal-Kodici Kriminali u l-iehor koplit bis-subartikolu (2) tal-istess artikolu – ma kien hemm ebda raguni ghall-annullament tas-sentenza li nghatat fuq l-appell tieghu (cioe` ta’ l-Avukat Generali) u dan peress illi “*ma huwiex gust jew ritwali illi dik is-sentenza giet annullata minhabba xi haga li tirrigwarda appell iehor (u cioe` l-appell tar-rikorrent [Caruana]) minghajr ma instab ebda difett fl-imsemmija sentenza <u>ut sic</u>.*” Jikkontendi ukoll l-appellant li kienet zbaljata l-ewwel Qorti meta accennat ghall-possibilita` tan-nuqqas ta’ imparzjalita` tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali. Skond l-appellant *“id-digriet tad-19 ta’ Dicembru 2004 inghata skond il-ligi u fir-rispett tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent [Caruana] u li ma kien hemm xejn fil-ghoti ta’ dak id-digriet illi kien juri xi apparenza ta’ xi nuqqas ta’ imparzjalita` oggettiva jew soggettiva da parti tal-Qorti”.* Skond l-appellant Avukat Generali, Caruana nghata l-opportunita` li jinstema’, u kien hu li ma ghamilx uzu minn din l-opportunita` billi minghajr raguni valida skond il-ligi, ma deherx meta ssejhu z-zewg appelli.

9. Din il-Qorti tibda qabel xejn biex tosserva li fir-rikors promotorju ma hemm ebda allegazzjoni ta’ *bias* fir-rigward

tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali. Din il-Qorti tifhem li r-referenza ghal *bias* fl-ahhar paragrafu tal-konsiderazzjonijiet tal-Prim Awla kienet pjuttost fin-natura ta’ osservazzjoni ta’ x’seta’ possibilment gie allegat milli ta’ dak li effettivament gie allegat. Il-bazi tad-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti kienet li bil-mod kif agixxiet il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fir-rigward tal-appell interpost quddiemha mill-Avukat Generali, Caruana gie fir-realta` mcahhad mid-dritt li jaghtih il-Kodici Kriminali li jitlob li l-appell tieghu jigi riappuntat.

10. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-problema f’dan il-kaz inqalghet ghax il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ma tatx piz bizzejjed ghall-fatt li quddiemha kellha kawza wahda, u li ghalkemm kien hemm zewg appelli (dak ta’ Caruana u dak ta’ l-Avukat Generali) kellha tinghata sentenza wahda fuq iz-zewg appelli. Din il-Qorti m’ghandiex dubju illi kieku ma garax dak li effettivament gara fl-ewwel hmistax-il minuta ta’ l-udjenza tas-16 ta’ Dicembru, 2003, kienet tinghata sentenza wahda (u mhux, kif gara, tinghata sentenza u “digriet”). Huwa veru, kif tajjeb josseva l-Avukat Generali, li ghall-appell ta’ Caruana kien japplika s-subartikolu (1) tal-Artikolu 422, mentri ghall-appell tieghu kien japplika s-subartikolu (2). F’dan il-kaz, pero`, is-subartikolu (2) ma setax japplika indipendentement mis-subartikolu (1), u dan ghar-raguni semplici li z-zewg appelli kienu jeskludu wiehed lill-iehor, b’mod li kif appenna l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, b’applikazzjoni tas-subartikolu (2), ippronunzjat ruhha fuq l-appell ta’ l-Avukat Generali ipprivat aprioristikament lil Caruana mill-possibilita` li juzufruwixxi ruhu mit-tieni parti tas-subartikolu (1) biex jirriapunta l-appell tieghu. Din il-qorti hi sodisfatta li r-raguni principali ghala l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali cahdet it-talba ta’ Caruana ghar-riappuntament kienet proprju ghax dik il-Qorti kienet diga` ppronunzjat ruhha irrevokabbilment fuq il-meritu tal-kawza – fil-prassi tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali meta persuna tkun giet il-Qorti ghall-appell taghha izda ghal xi raguni, tajba jew inqas tajba, tkun baqghet barra l-awla meta jissejjah l-appell, dejjem gie ritenut li dik il-persuna tkun fil-fatt “dehret” ghall-appell.

11. Fil-kaz in dizamina, ghalhekk, inholqot *procedural unfairness* in vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq bil-fatt li l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, meta kellha zewg appelli konnessi, flok ma halliet jiddekorru l-erbat ijiem imsemmija fl-Artikolu 422(1), ghaddiet minnufih biex taghti s-sentenza a bazi tas-subartikolu (2) fuq l-appell interpost mill-Avukat Generali. Konsegwentement din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tvarja s-sentenza tal-Prim Awla tat-8 ta’ Ottubru, 2004, sentenza li hija sostanzjalment korretta.

12. Ghall-motivi premessi tichad l-appell ta’ l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellant. Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi minnufih komunikata lir-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jiehu l-mizuri mehtiega sabiex jaghti effett ghas-sentenza appellata li qed tigi konfermata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------